IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 15**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |

**1.00 Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli**

1.01 Is-Sindku nforma il-laqgħa dwar l-aħħar taħdit u żviluppi li hu flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv kienu qed jagħmlu dwar il-problema tal-iskart reciklabbli. Huwa qal li l-Kunsill irċieva ħames proposti, pero huma żewġ kumpaniji biss li għandhom l-permessi meħtiega mill-MEPA sabiex jigbru dan it-tip ta' skart, li huma l-kumpaniji *Green MT* u *Green Pak*. Għaldaqstant l-proposti ta' dawn iż-żewġ kumpaniji biss li setgħu jigu ikkunsidrati. Ġbir tal-Iskart Reċiklabbli

Wara diskussjoni li saret fejn gew evalwati l-proposti tal-kumpaniji *Green MT* U *Green Pak*, is-Sindku ppropona li tingħażel l-proposta tal-kumpanija *Green MT* minħabba li hija l-aktar waħda vijabli fiċ-ċirkostanzi. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.02 Il-Kunsillier Paul Grech ppropona li jitpoġġa *set* ta' *bring in sites* ħdejn il-bandli tal-Baħrija. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

qabel unanimament.

1.03 Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li jitpoġġa *set* ta' *bring in sites* f'Old Żebbuġ Rd. Huwa qal li f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed setijiet titpoġġa waħda biss għal flixken tal-ħgieg. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04 Is-Sindku ppropona li fejn huwa possibli ma jitpoġġewx *bring in sites* qrib id-djar residenzjali minħabba l-istorbu ikkawzat meta ikun qiegħed jintrema l-iskart fil-*bring in sites.* Il-Kunsillier Paul Grech issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 11 ta' Marzu 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**